# IL-KNISJA TA' L-ADDOLORATA GEWWA MARATEA.

Il-knisja ta' l-addolorata hija wahda mit-tlett knejjes li wiehed jiltaqa' maghha kif ikun diehel mit-triq principali tac-centru storiku ta' Maratea fil-provincja ta' Potenza.

Wiehed jinduna biha mad-daqqa t'ghajn billi quddiem it-tarag li jaghti ghall-knisja wiehed jara obelisk tal-gebel.

Skrizzjoni tfakkar li din il-knisja kienet mibnija fis-sena 1620 u sa mis-sena 1692 kienet tospita l-konfraternita' ta' l-Addolorata li originarjament kellha s-sede taghha fil-knisja ta' Sant'Anna. Fis-seklu XVIII inxtraw minn Napli tlett artali ta' l-irham. Skrizzjoni ohra turi li sar xi restawr fis-sena 1861 bl-ahhar intervent ikun fil-11 ta' Lulju tas-sena 1995 meta l-knisja giet miftuha ghall-kult tal-fidili.



Il-faccata tal-knisja hija wahda semplici, b'ecezzjoni li hemm lunetta fuq il-bieb principali li turi affresk ta' XVII seklu, opra li tirraprezenta lil Marija Addolorata fuq il-Kalvarju,  xoghol ta' artist mhux maghruf, u timpani li ghandu tlett qniepen.

Quddiem il-knisja hemm oblesik li fuqu tistrieh statwa ta' Marija Addolorata, opra tas-sena 1788.



Il-Knisja minn Gewwa.

Il-knisja minn gewwa, hija disenjata skond l-istil neoklassiku u barokk, b'navata unika u tlett artali ta' l-irham, wiehed iddedikat lil Marija Addolorata, l-iehor lil San Bjagju u t-tielet wiehed li San Frangisk minn Paola. L-artal magguri, bl-irham ikkulurit ghandu tabernaklu tal-fidda li jirraprezenta l-Pieta u huwa xoghol li jgib id-data 1786.

Barra l-istatwa tal-Vergni Addolorata li hija mqieghda fuq l-istess artal maggur wiehed isib ukoll fil-gemb, skultura ta' pregju li turi lil Kristu mnizzel mis-salib, opra firmata ta' A. Grisolia tas-sena 1846.

Opri ohra mportanti huma l-pittura biz-zejt tal-martirju ta’ San Bjagju opra tas-seklu XVIII u l- Pieta’ opra tal-pittur Angelo Brando.




Fis-sena 1692 giet imwaqqfa l-Kongregazzjoni ta’ l-Addolorata li sal-lum hija fratellanza hajja, bil-prijur u l-membri taghha, jipprovdu biex ixerrdu l-kult lejn id-Duluri billi jiffesteggjaw it-tifkira taghha b’mod solenni fit-tielet Hadd ta’ Settembru.